**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Mejju 2001**

**Rikors Nru: 107/00A**

**Francis u Antonia konjugi Zammit**

**Vs**

**Francis u Doris konjugi Mangion.**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti li qalu li:

1. Huma jikru/minghand l-intimati id-dar tar-residenza taghhom numru 13, Triq id-Dejqa, Zurrieq, bil-kera ta' hamsin lira Maltin (LM50) fis-sena, l-ewwel skadenza fil-

2. B' ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru, 1997 (Dok.A) l-intimati kienu infurmaw lill-esponenti li ma kienux bihsiebhom igeddu il-lokazzjoni jekk mhux bil-kera ta' mitt lira Maltin (LM100) fis-sena.

3. Ihossu li l-kera li qed jigi mitlub huwa eccessi iv u li fil-fatt ma hemmx lok ghall-ebda awment tal-kera presenti.

4. Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghogbu jichad it-talba tal-intimati ghal zieda fil-kera tal-fond lilhom mikri u cioe' numru 13, Triq id-Dejqa, Zurrieq, u dana billi l-awment mitlub hu ferm eccessiv u l-kera presenti ta' hamsin lira Maltin (LM50) fis-sena huwa ekwu u gust.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra r-risposta ta' l-intimati:

1. Illi t-talba rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante illi l-kera gravanti l-fond 13, Triq id-Dejqa, Zurrieq ghandha tigi awmentata stante illi dik presenti ma tirriflettix l-kera gusta dovuta lil-esponenti.

Salv sottomissjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tieghu tas-16 ta' Jannar 2001 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti minn fejn jirrizulta li l-kera xieraq hu Lm65 fis-sena.

Jifissa l-kera xieraq fl-ammont ta' Lm65 fis-sena jithallas fit-23 ta' Awissu ta' kull sena, l-ewwel skadenza fit-23 ta' Awissu 1998; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha mis-sentenza.

Dep/Reg Magistrat